MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 116/2003

**Bonagel Ltd**

**Vs**

**Express Trailers Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz, in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas is-somma ta' tlett elef u mitejn lira Maltin (Lm3,200.00) jew somma verjuri subiti mis-socjeta' attrici stante li s-socjeta' konvenuta ma wasslux konsenja salamun f'kundizzjoni tajba u dan minhabba f'imperizja, negligenza u non-osservanza ta' regolamenti.

Bl-ispejjez u l-imghax. Is-socjeta' konvenuta giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat <u>in-nota tal-eccezzjonijiet</u> tal-istess socjeta’ konvenuta (fol 4 tal-istess atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici stante li:-

1. Is-socjeta’ konvenuta eccipjenti m’ghandha ebda relazzjoni kuntrattwali diretta mas-socjeta’ attrici;
2. Is-socjeta’ eccipjenti ma kkommettiet ebda tort fil-konfront tas-socjeta’ attrici u m’huwiex minnu li s-socjeta’ eccipjenti wasslet il-merkanzija b’imperizja u b’negligenza u non-osservanza ta’ regolamenti kif inhu allegat mis-socjeta’ attrici: is-socjeta’ eccipjenti garret il-merkanzija in kwistjoni fuq struzzjonijiet ta’ terzi (li maghhom is-socjeta’ eccipjenti ghandha relazzjoni kuntrattwali) u kif diretti minnhom. Inoltre’ minghajr pregudizzju s-sueccipit, il-garr sar taht il-kondizzjonjiet tal-konvenzjoni internazzjonali CMR liema konvenzjoni, ghalhekk, tirregola it-tragit in kwistjoni u partikolarment din tillimita kwalunkwe responsabilta’ li jista’ jkollha s-socjeta’ eccipjenti;
3. M’huwiex minnu li l-merkanzija waslet fil-kundizzjoni deskritta fil-avviz u *in ogni caso* d-danni rikjamati iridu jigu pruvati.

Rat <u>in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri</u> tal-istess socjeta’ konvenuta (fol 24 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta’ l-kapitolu V tal-‘Convention on the Contract for the International Carriage of goods by Road’, Geneva 19 May 1956 maghrufa ahjar bhala il-‘CMR Convention’ (annessa u markata bhala Dokument C1), applikabbli bejn il-partijiet kontendenti.

Rat l-istess dokument markat ‘C1’ a fol 23.

Rat dak verbalizzat a fol 68 tal-atti kif ukoll l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif hemm verbalizzat a fol 68 tal-atti il-partijiet qablu li tinghata sentenza wahda bl-ewwel punt li jigi deciz hu dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni u sussegwentement jekk jkun il-kaz, il-meritu oltre l-kwistjoni dwar ir-relazzjoni kuntrattwali o meno bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher a fol 22, 23 u 24 tal-istess atti, is-socjeta' konvenuta kienet l-ewwel talbet li tissoleva din l-eccezzjoni a bazi tal-artikolu 2112 tal-Kodici Civili u l-artikolu 731 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens li eccezzjoni bhal din tista' tigi sollevata f'kwalunkwe stadju tal-proceduri. Wara li din it-talba giet akkolta, gie sottomess mill-istess socjeta illi din l-azzjoni hi preskritta a bazi tal-hekk imsejjha 'CMR Convention', Kapitolu 5. Jigi rilevat illi din il-Konvenzjoni tirregola 'the Contract for the International Carriage of Goods by Road' u tapplika '… to every contract for the carriage of goods by road in vehicles for reward' ossija 'vehicles, articulated vehicles, trailers and semi trailers …'' . Skond l-artikolu 2, tal-istess konvenzjoni meta l-merkanzija trasportata parzjalment fuq il-bahar u l-istess merkanzija ma tkunx tnizzlet mill-vehikolu li jkun qed jgorrha hlief ghal dak li jinghad fl-artikolu 14 ibid, dak li jinghad fl-istess konvenzjoni xorta wahda hu applikabbli, Fil-kaz in desamina irrisulta li l-merkanzija involuta kienet giet direttament ordnata minghand socjeta sitwata fi Sqallija precisament minn Catania lejn Malta fuq vapur. Dan jfisser illi t-transport lejn Malta kien sar principalment ghar-ragunjiet ovvji fuq il-bahar. Dan il-fatt, fil-fehma ta' din il-Qorti, jeskludi l-operat ta' din il-Konvenzjoni u, ghalhekk ma jistax jkun applikabbli t-terminu ta' preskrizzjoni sollevat mis-socjeta konvenuta. Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-kwistjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet involuti, f'dan il-kaz, is-socjeta attrici kienet, kif di gja ntqal, ordnat il-merkanzija konsistenti f'konsenja ta'

salamun, minghand socjeta' estera sitwata fi Sqallija bl-isem ta' Bonagel S.N.C.

Carmel Brincat (fol 11 u fol 122 et seq ibid) xehed illi hu '… ma kontx naf l-isem tal-agent li kellu jhott is-salamun hawn Malta ' u kien gie infurmat dwar dan mid-Dipartiment tad-Dwana lokali jumejn wara li l-istess merkanzija kienet waslet hawn Malta. Hu kompla jghid illi 'Fil-fatt l-importatur hawn Malta kien imqabbad mis-socjeta' fi Sqallija …. Dawn kienu qabdu lil 'Express Trailers' (ara ukoll id-dokument esebit a fol 13 et seq ibid). Dwar l-istess punt xehed Francis Vella (fol 126 et seq ibid) direttur tas-socjeta' konvenuta u dan qal illi l-inkarigu kien inghata lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta 'Indaco Sped'. Min dan jirrizulta b'mod car illi ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet involuti jekk dan il-punt jigi konsiderat fuq bazi kontrattwali u minn dan il-lat biss.

Illi, pero', il-Qorti hi tal-fehma illi l-kawza in esami hi bazata fuq danni delittwali.

Difatti s-socjeta' attrici qed tallega illi s-salamun wasal Malta fi stat hazin u mhux tajjeb ghall-konsum mill-bniedem minhabba 'imperizja, negligenza u non-osservanza ta' regolamenti – tant li kellu jigi diskrutt. Dan il-fatt, jirrizulta b'mod car minn dak li xehdu ukoll Mario Cassar (fol 92, fol 95 u 100 tal-istess atti) u Noel Pace (fol 114 et seq ibid). Mill-istess xhieda ta' Francis Vella jirrizulta li kien gie deciz fl-istess fid-diskussjonijiet li kien hemm bejn is-socjeta' konvenuta u dik bl-isem ta' 'Indaco Sped' illi s-salamun jigi transport fuq trailer 'li jintuza ghal 'dry goods' u mhux fuq wiehed 'refregerated' peress li ma kienx hemm disponibbli 'trailer' ossija 'container' minn dan it-tip. L-imsemmi Mario Cassar xehed li meta giet esaminata t-temperatura tal-prodott hawn Malta, instab li din kienet 15ºC waqt li fuq il-pakkett tal-istess prodott kien hemm specifikat illi dan kellu jinzamm f'temperatura bejn 0ºC sa 4ºC. Bhala konsegwenza diretta ta' dan in-nuqqas da parti tas-socjeta' Indacosped' u dik konvenuta u li ghalih ma kienx hemm xi qbil minn-naha tas-socjeta' attrici, il-prodotti in kwistjoni gew rezi mhux idonei ghal

konsum l-istess prodotti gew distrutti mill-awtoritajiet sanitarji lokali.

Illi fuq din il-bazi, jirrisulta illi s-socjeta' konvenuta kienet negligenti fit-trasport tal-istess merkanzija u, fuq bazi delittwali ghandha tigi konsiderata responsabbli ghal dan l-akkadut.

Ikkunsidrat

Illi ma jidhirx li l-ammont mitlub bhala danni gie b'xi mod kontestat.

Ghalhekk it-talbiet attrici ser jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm3,200 ossija €7,453.99 bl-imghax legali mit-22 ta' Dicembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------